*Intervista*

# *Miraklu ta' 150 Elf Għotja*

## *Il-Librerija Pubblika tal-Katidral*




JOSEPH W. PSAILA *jintervista lil Anton Farrugia, librar tal-Librerija Pubblika tal-Katidral ta' Għawdex*

***Anton, int issa ilek librar tal-Librerija Pubblika tal-Katidral għal bosta snin; tgħidilna liema kienu l-istadji prinċipali ta' żvilupp fl-istorja ta' din il-Librerija?***

Il-Librerija tal-Katidral ġiet miftuħa għall-pubbliku, u aktar tard għall-istudenti, nhar it-Tnejn, 1 ta' Ottubru 1979. Madankollu, nistgħu ngħidu li l-bidu propju tal-Librerija kien fl-ewwel snin tas-sebgħinijiet meta l-Arċidjaknu tal-Katidral, Monsinjur Pawlu Cauchi ħalla fit-testment tiegħu l-kotba kollha li kellu. Kellu 'l fuq minn 3000 ktieb, kif ukoll kwantità kbira ta' rivisti, l-aktar bit-Taljan. Meta Mons. Cauchi miet, in-neputijiet tiegħu qabdu vann u f'diversi vjieġi tellgħu l-kaxxi tal-kotba u poġġewhom fis-sotterran tal-knisja Katidrali.

***Nafu li, llum, il-Librerija tal-Katidral tipposiedi iżjed eluf ta' kotba mit-3000 ktieb li ħalla Mons. Pawlu Cauchi. Kif żdied in-numru tal-kotba matul is-snin?***

Inzerta, għall-ħabta ta' nofs is-snin sebgħin, li ċertu saċerdot li kien qed jagħmel servizz pastorali fi Florida,




fl-Istati Uniti, kien għall-vaganza tiegħu ġewwa Għawdex. Meta kien fis-sotterran tal-Katidral u ra dawk il-kaxxi kollha bil-kotba li kien ħalla Mons Cauchi, ġietu idea tabilħaqq tajba! Iddeċieda li mill-Amerika jibda jibgħat ħafna kotba biex jiżdiedu ma' dawk ġà mħollija. Il-qassis kien ħalla nota lill-Arċipriet Mons. Carm Scicluna li biha għarrfu li kull xahar kien ser jibda jibgħat xkora postali mimlija kotba. Il-qassis, Fr. Tony, żamm kelmtu u għal sebgħa u għoxrin sena sħaħ, l-ixkejjer tal-kotba bdew jaslu regolarment. Fr. Tony bagħat eluf kbar ta' kotba fuq kull suġġett immaġinabbli: filosofija, soċjoloġija, meditazzjonijiet bibliċi, spiritwalità, xjenza, letteratura... Ma naqasx li jibgħat ukoll numru ta' enċiklopediji (15 b'kollox) bħala riferenza. Kien ukoll assoċja lil-Librerija biex tkun tista' tirċievi diversi rivisti speċjalizzati dwar suġġetti li setgħu jkunu ta' użu kbir għall-istudenti universitarji: arkeoloġija, antropoloġija, in-negozju, l-*accounting*, maniġment...; l-aktar li bagħat kienu rivisti li jappellaw għaż-żgħażagħ, '*juvenile*' u oħrajn għat-tfal minn *prekinder* sa *Form 6*.

Matul is-snin tant żdiedu l-kotba tal-Librerija, li l-ixkaffi ma setgħux jesgħu aktar; u fis-sena 1998 ġie deċiż li jinstab lokal ieħor, akbar u aħjar, mnejn il-Librerija setgħet tagħti s-servizz tagħha.

***Għandi nifhem, li fiċ-ċirkostanzi, il-librerija tal-Katidral kellha ssib il-fondi biex tagħmel tajjeb għall-ispiża tal-lokal il-ġdid!***

Il-lokal il-ġdid għal-Librerija nstab fi Triq Kerċem, ir-Rabat, fejn il-Librerija għadha sal-lum; iżda minħabba l-fatt li għad jonqos li jsir xi xogħol strutturali fit-taraġ, fil-preżent id-dħul qed isir mill-bieb ta' wara li jinsab fit-triq li tieħu lejn Santa Luċija, eżattament Triq Qasam San Ġorġ. Ix-xiri tal-post il-ġdid sar bl-inizjattiva u bit-tħabrik bla heda tal-Arċipriet Mons Joe Vella Gauci. L-ispejjeż kienu kbar: 40 elf lira tal-post "ġebel u saqaf"; imbagħad bosta eluf oħra biex il-post jitkaħħal, jitbajjad, isirlu l-paviment, isiru aperturi u bibien, stallazzjonijiet ta' servizzi ta' ilma u elettriku, xkaffar, skrivaniji u għamara oħra li librerija teħtieġ biex tagħti servizz xieraq – insomma b'kollox 'il fuq minn 60 elf lira. Irrid ukoll nirringrazzja lil Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono li pprovdiet żewġ ħaddiema (li kienu *redundant* minn Skola tal-Bini



li kienet għalqet) biex jagħmlu xogħol manipulattiv. Dawn il-ħaddiema għamlu ħafna u bil-qalb għax kienu jagħrfu li bix-xogħol li kienu jwettqu kienet se titkattar l-edukazzjoni u l-kultura fil-gżira ta' Għawdex.

Meta wieħed ikun jaf li l-Librerija hija "tal-Katidral" jista' jaħseb li din bħala istituzzjoni tal-Knisja tiffoka b'mod partikolari u eċċessiv fuq ir-reliġjon u l-qari nisrani. Kemm hu hekk?

Ma nkunx qed ngħid kelma b'oħra jekk ngħid li l-Librerija tippossiedi eluf ta' kotba b'tema reliġjuża : Kristoloġija, Marjoloġija, Spiritwalità, Storja tal-Knisja, Liturġija, Kateketika... Biżżejjed insemmi li fil-Librerija hemm eluf ta' kotba Bibliċi, fosthom *it-text* tal-Bibbja b'diversi lingwi. Hemm ukoll bosta kotba tat-Teoloġija (Morali u Dommatika), kif ukoll il-Liġi Kanonika, il-Ħajja tal-Qaddisin u Omeliji. Bosta saċerdoti u kjeriċi jiġu jissellfu minn dawn il-kotba.

Iżda barra minn dawn għandna ukoll taqsimiet ta' diversi lingwi u l-letteratura tagħhom, ta' Arti, ta' Studji Soċjali, ta' fergħat diversi tax-Xjenza, ta' Arkitettura, ta' Storja... Insomma meta xi ħadd jersaq lejn is-servizz tal-Librerija tagħna, b'xi mod jew ieħor, ikun jista' jinqeda.



*Waħda mil-laqgħat tal-European Union of Librarians*

***Anton, minbarra s-servizz tas-self tal-kotba, hemm xi servizzi oħra li toffri din il-Librerija?***

Dażgur li hemm! Ma rridx ninsa ngħid li l-Librerija tal-Katidral hija msieħba mal-*European Union of Librarians.* Il-libreriji fi ħdan din il-*Union* huma mħeġġin li jagħmlu diversi attivitajiet u xogħlijiet konnessi mat-tixrid tat-tagħlim u l-kultura. Minn żmien għall-ieħor nistiednu għalliema ta' skejjel biex jiġu flimkien mal-klassi tagħhom ħalli jżuru l-Librerija; ikollhom xi taħdita dwar xi suġġett mill-programm tal-istudji tagħhom. Matul is-sena kollha jsiru *private lessons* f'diversi suġġetti. Niftakar li f'sena waħda fix-xhur tas-sajf, kellna studenti li kienu jirċievu lezzjonijiet fi 15-il suġġett differenti.

***Semmejt il-European Union of Librarians. Kemm qed tagħti sehemha f'din il-Union, il-Librerija tal-Katidral?***

Mons. Joe Bezzina, monsinjur kapitolari tal-Katidral, kellu tagħrif li fil-Ġermanja kien hemm il-ħsieb li titwaqqaf l-Għaqda Ewropea tal-Librara. Meta applika, mhux biss aċċettawna, iżda ddeċidew li l-ewwel laqgħa ta' tal- Għaqda ssir fil-gżira ta' Għawdex. Għal din il-laqgħa attendew 17-il rappreżentant mill-Ewropa; saħansitra kien hawn rappreżentant mit-Turkija. Aħna lqajnihom sewwa; u wara l-laqgħat li fihom stħarrġu l-aġenda tal-konferenza, sibna l-ħin biex indawruhom mal-postijiet turistiċi f'Għawdex. Iltaqgħu wkoll mal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Il-laqgħat ta' din il-*Union* bdew isiru darbtejn fis-sena. Żewġ membri minn kull pajjiż jattendu kull darba għal dawn il-laqgħat li jsiru fi bliet differenti tal-Ewropa.

***Bi pjaċir, wieħed jisma' li Għawdex kien wieħed mill-'founder members'. Issa ħalli nistaqsik dwar xi ħaġa totalment differenti : Taħsibx li t-teknoloġija l-ġdida***



***– b'mod speċjali l-internet – tista' fis-snin li ġejjin, tnaqqas l-importanza tal-ktieb?***

Bla dubju! Dan jgħodd l-aktar għall-istudenti. Fuq l-internet wieħed jista' jsib il-materjal kollu li jkun jeħtieġ biex jibni l-*assignment*, il-*project* jew it-teżi li jkun irid jagħmel. Però, l-awtoritajiet tal-università qed jiskoraġġixxu l-użu tal-internet għat-teżijiet. Għadhom isostnu l-*adage*: "*liber ex libris*". F'dik li hi *fiction* u qari ta' rumanzi Maltin, il-membri li jiġu jissellfu l-kotba ma naqsu xejn. Pjuttost żdiedu. Ħafna barranin li joqogħdu Għawdex jiġu regolarment jissellfu l-kotba. Ħafna drabi dawn il-*foreigners* – l-aktar Ingliżi – mhux biss għadhom jiġu jissellfu, imma ta' spiss jagħmlu għotjiet ta' kotba għal-Librerija. Irrid insemmi li l-kotba kollha li hawn fil-Librerija ( mal-150 elf ktieb) kienu kollha *donated*. Lanqas qatt ma xtrajna ktieb wieħed ! Mill-kotba żejda li jkollna, infornu libreriji oħra.

***Għandi nifhem li librerija bħal din teħtieġ "staff" biex titmexxa. Kemm hawn nies jaħdmu hawn sabiex il-Librerija topera b'mod effiċjenti?***

Minbarra l-librar u l-ħames membri tal-kumitat għandna sitt voluntiera oħra li jservu ta' *book deliverers*. Peress li fl-istess bini tal-Librerija hawn ukoll l-istudjo ta' "Radju Katidral", għandna wkoll *studio manager* li jirrikordja diversi programmi u jibgħathom permezz tal-internet għall-*main station* li jinstab fiċ-Ċittadella.

Jiena nħoss li l-Librerija Pubblika tal-Katidral qed tkun ta' benefiċċju għall-edukazzjoni u l-kultura fil-gżira Għawdxija.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073